VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,523, 19 ta' Jannar, 2016
Taqsima B

A.L. 19 tal-2016

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2016 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 194 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2015 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Il-Grad jingħata f'xi wieħed minn dawn l-oqsma ta' studju li ġejjin:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) Computing Science;
(b) Computer Engineering;
(c) Microelectronics and Embedded Systems.”

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafu (3) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“(3) L-applikanti għall-oqsma ta’ studju tal-Computer Engineering u tal-Microelectronics and Embedded Systems għandhom:

jew

(a) jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università u jkollhom:

(i) ċertifikat li għaddew fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola bi Grad Ċ jew aħjar fil-Matematika Pura u f’wieħed mis-suġġetti li ġejjin: il-Matematika Applikata, il-Fiżika, il-Bijoloġija, il-Kimika, u l-Computing; u

(ii) ċertifikat li għaddew fil-Livell Intermedju tal-Matrikola f’wieħed mis-suġġetti li ġejjin (minbarra s-suġġetti ppreżentati fil-Livell Avvanzat): il-Fiżika, il-Matematika Applikata, il-Bijoloġija, il-Kimika, il-Computing, l-Ekonomija, l-Ingliż, l-Information Technology, il-Mużika u l-Filosofija;

jew

(b) ikollhom:

(i) ċertifikat li għaddew fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja f’ħames suġġetti, li jinkludu l-Ilsien Ingliż u l-Malti; u

(ii) jew l-MCAST-BTEC Higher National Diploma (HND) f’qasam meqjus rilevanti għall-Kors mill-Bord, jew l-MCAST Diploma in industrial Electronics,
sakemm li l-istudenti li jkun jonqoshom grad f’wieħed biss f’wieħed mis-suġġetti tar-rekwiżiti speċjali tal-kors meħtieġ fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola indikati fil-paragrafu (a) ta’ dan l-ordinament għandhom jitħallew jidħlu taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-Bord jista’ jimponi biex jagħmlu tajjeb għall-element nieqes. Jekk, sal-aħħar tal-ewwel sena, dawn l-istudenti ma jissodisfawx ir-rekwiżiti kollha biex jipproċedu regolarment għat-tieni sena tal-Kors, huma jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors u ma jkunux intitolati la li jirrepetu s-sena u l-anqas li jipproċedu kundizzjonalment kif normalment hu permess skont ir-Regolamenti Prinċipali.”

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok l-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"8. L-istudenti li jtemmu b'suċċess it-taqsimiet-studju li għalihom hemm assenjati 60 kredtu ECTS u li jagħżlu li ma jkomplux il-Kors jew, wara li komplew, ma jtemmux il-Kors b'suċċess, jkunu eliġibbli għad-Diploma in Computing."

L-Emenda għall-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali

6. Minflok l-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"9. L-istudenti li jtemmu b'suċċess it-taqsimiet-studju li għalihom hemm assenjati 120 kredtu ECTS u li jagħżlu li ma jkomplux il-Kors jew, wara li komplew, ma jtemmux il-Kors b'suċċess, jkunu eliġibbli għall-Higher Diploma in Computing."

L-Emenda għall-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali

7. Minflok l-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"10. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Grad offrut fuq bażi *part-time* għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-ħames snin tal-Kors li għandhom ikunu mwieżna kif ġej:

Il-Marka Medja tal-Ewwel Sena	20%
Il-Marka Medja tat-Tieni Sena	10%
Il-Marka Medja tat-Tielet Sena	20%
Il-Marka Medja tar-Raba' Sena	20%
Il-Marka Medja tal-Ħames Sena	40%.

(2) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Grad offrut fuq bażi *full-time* għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fit-tlett snin tal-Kors li għandhom ikunu mwieżna kif ġej:

Il-Marka Medja tal-Ewwel Sena	20%
Il-Marka Medja tat-Tieni Sena	40%
Il-Marka Medja tat-Tielet Sena	40%."

Iż-Żieda tal-ordinamenti 11 mal-ordinamenti prinċipali

8. L-ordinament 11 li ġej għandu jidħol wara l-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali:

"**Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time***

11. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time,* u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors."